MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2011

Appell Kriminali Numru. 324/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anton Vassallo**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Anton Vassallo talli:

(1) nhar-it 23 ta’ Gunju 2011, ghall-habta ta’ l-4.30.a.m. fl-Imriehel, ikkommetta serq ta’ somma flus kontanti u hwejjeg minn gol-hanut ‘Outta Kontrol’ fi Triq Notabile Imriehel, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur li ma jeccedix l-elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u li sar ghad-detriment tal-kumpanija Time International Sports Ltd u/jew George Amato;

(2) f’xi hin matul il-lejl ta’ bejn is-26 u 27 ta’ Mejju 2003, fiz-Zejtun, ikkommetta serq ta’ vettura tal-ghamla Ford Cortina minn go Triq Gius Caruana Zejtun, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, xorta tal-haga misruqa u valur li ma jeccedix l-elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) li sar ghad-detriment ta’ Roberto Dimech;

(3) f’xi hin matul il-lejl ta’ bejn is-26 u 27 ta’ Mejju 2003, f’Tas-Sliema, ikkommetta serq ta’ somma flus kontanti u video recorder minn gol-hanut ‘Tal-Lira’ fi Triq il-Katidral, Sliema, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur li ma jeccedix l-elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u li sar ghad-detriment ta’ Patrick Pellegrini;

(4) nhar-is 27 ta’ Mejju 2003, ghall-habta ta’ 1.30am. f’Hal Qormi, ikkommetta serq ta’ cash register u somma flus kontanti minn gol-hanut ‘Joe’s Confectionery’ fi Triq Anici, Hal Qormi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur li ma jeccedix l-elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u li sar ghad-detriment ta’ Joseph Zammit;

(5) nhar-is 27 ta’ Mejju, 2003, ghall-habta ta’ 4.00.a.m, f’San Giljan, ikkommetta serq ta’ somma flus kontanti u tmien grosos sigaretti minn gol-hanut ‘Wellworth Take Away’ fi Triq Sant’Andrija San Giljan, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, u valur li ma jeccedix l-elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u li sar ghad-detriment ta’ Carmelo Azzopardi;

(6) nhar-is 27 ta’ Mejju 2003, ghall-habta tas-2.00.a.m. f’San Giljan, bil-hsieb li jaghmel delitt, cioe` dak ta’ serq minn gol-hanut ‘Cork’s Bar’ fi Triq il-Kullegg l-Antik, San Giljan, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu, u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, hin u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u li sar ghad-detriment ta’ Claude Borg;

(7) f’xin hin matul il-lejl ta’ bejn is-26 u 27 ta’ Mejju 2003, f’Tas-Sliema, ikkommetta serq ta’ cash register,

somma flus, kontanti u fliexken tax-xorb minn gol-hanut ‘Tini Café’ Bar’ fix-Xatt ta’ Qui-si-Sana Sliema, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur li ma jeccedix l-elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u li sar ghad detriment ta’ Carmelo Demicoli;

(8) nhar-id 29 ta’ Mejju 2003, ghall-habta ta’ 4.00am. f’Tas-Sliema, ikkommetta serq ta’ somma flus kontanti minn gol-hanut ‘Tower of London Saloon’ fi Triq Tigne, Sliema, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur li ma jeccedix l-elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u li sar ghad-detriment ta’ Carmel Bajjada;

(9) fl-istess dati, hin u cirkostanzi, f’Malta, laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

(10) fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli fil-hwienet hawn fuq imsemija, liema hsara tiskorri l-elf mija u erbgha u sittin ewro (€1,164);

(11) irrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50, u 289 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta diversiment preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

(12) nhar-it 3 ta’ Ottubru 2001, ghall-habta ta’ l-4.00 ta’ fil-ghodu f’Marsascala, ikkommetta serq ta’ somma flus kontanti u oggetti ohra minn go hanut bl-isem ‘Don Giovanni Cafeteria’ fi Triq Marina, Marsaskala liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, hin u valur li ma jeccedix l-elfejn, tliet mija disgha u ghoxrin ewro (€2329) u li sar a detriment tas-sinjura Josephine Bugeja;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-6 ta’ Lulju 2011 li permezz tagha, fuq ammissjoni, wara li rat l-artikoli 41(1), 49, 50, 261(b), 261(c), 261(f), 263, 267, 270, 278(3) u 289

tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Anton Vassallo hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkundannatu erbatax-il xahar prigunerija, u rakkomandat lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin biex l-istess Anton Vassallo jinghata l-ghajnuna kollha necessarja sabiex jirrijabilita ruhu minn kwalunkwe dipendenza fuq id-droga, jekk hemm bzonn anke permezz ta' programm opportun;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fit-18 ta' Lulju 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti: (a) fil-kaz li jidhrilha li ghandha tilqa' l-ewwel aggravju tieghu, li thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u tordna lir-Registratur sabiex minnufih jibghat l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja biex tipprocedi bis-smiegh tal-kawza skond il-ligi; (b) fil-kaz li jidhrilha li ma ghandhiex tilqa' l-ewwel aggravju, li tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti taghha fejn sabet lill-imsemmi Anton Vassallo hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, thassarha biss f'dik il-parti koncernanti l-erogazzjoni tal-piena ta' erbatax-ilx ahar prigunerija u minflok tghaddi biex teroga l-piena idoneja kontra tieghu skond il-ligi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** Din is-sentenza tirrigwarda biss l-ewwel aggravju ta' l-Avukat Generali li permezz tieghu jsostni li s-sentenza appellata hija nulla. Skond l-Avukat Generali l-ewwel Qorti ma setghetx, fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2011, tapplika l-artikolu 392A ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra l-appellat (allura imputat) f'kuntest fejn huwa kien diga` ppronunzja ruhu u kkontesta l-istess imputazzjonijiet bl-istqarrija li ma kienx hati registrata nhar-il 24 ta' Gunju 2011 fir-rigward ta' l-imputazzjonijiet min-numru wiehed san-numru hdax. Fil-fatt, jghid l-appellant, kien hemm imputazzjoni wahda li giet mizjuda matul is-seduta tas-6 ta' Lulju 2011, u cioe` l-imputazzjoni numru tnax. L-Avukat Generali jghid li l-gurisprudenza hi llum kostanti fis-sens li una volta matul l-ezami minghajr gurament ai termini ta' l-

artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali l-imputat jiddikjara ruhu mhux hati, u ghalhekk ma jirregistarx ammissjoni, id-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 392A ma jibqghux aktar applikabbli fil-kaz tieghu u ghalhekk ma jistghux jigu invokati u impliemntati wara dak l-istadju. Meta d-disposizzjonijiet ta’ dan l-artikolu gew implimentati wara dak l-istadju procedurali, din il-Qorti dejjem tenniet li s-sentenza hekk moghtija hija nulla u bla effett. Huwa jiccita diversi sentenzi f’dan is-sens.

**6.** Issa, mill-atti jirrizulta illi fl-24 ta’ Gunju 2011 l-appellat tressaq b’arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja akkuzat b’diversi kazijiet ta’ serq aggravat, b’ricettazzjoni, u bi hsara volontarja kif ukoll li sar recidiv. Waqt l-ezami tieghu (ara fol. 7), mistoqsi jekk iridx u x’irid iwiegeb fuq l-akkuza, wiegeb li mhux hati. L-atti mbaghad intbaghtu lir-Registratur tal-Qorti biex il-kaz jigi assenjat skond il-ligi. Il-kaz gie fil-fatt assenjat u appuntat ghas-6 ta’ Lulju 2011. Skond il-gurisprudenza citata mill-Avukat Generali, meta l-imputat jammetti fi stadju sussegwenti huwa ma jkunx jista’ jipprevalixxi ruhu mill-artikolu 392A tal-Kodici Kriminali. Fil-kaz in ezami, pero`, ic-cirkostanzi kienu differenti. Gara fil-fatt illi fis-6 ta’ Lulju 2011 l-ufficjal prosekutur talab li tizdied imputazzjoni, il-Qorti laqghet din it-talba, u d-difiza tat ruhha b’notifikat “bl-akkuzi kif korretti”. F’dak l-istadju bdiet *de novo* l-procedura skond l-artikolu 390 tal-Kodici Kriminali billi l-Qorti semghet ir-rapport ta’ l-ufficjal prosekutur bil-gurament u sar l-ezami bla gurament ta’ l-appellat. Waqt dan l-ezami l-appellat irregistra ammissjoni.

**7.** L-ewwel zewg subartikoli ta’ l-artikolu 392A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdu:

**“(1) Jekk l-akkuzat, <u>bi twegiba ghall-mistoqsija fl-artikolu 392(1)(b)</u>, jistqarr li hu hati tar-reat li bih ikun akkuzat u l-imsemmi reat ikun suggett ghal piena ta’ mhux aktar minn ghaxar snin prigunerija, id-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 453(1) ghandhom *mutatis mutandis* japplikaw bla hsara ghad-disposizzjonijiet li gejjin ta’ dan l-artikolu.**

**"(2) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) u minkejja kull disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra, jekk l-akkuzat jibqa' jtenni fit-twegiba tieghu li hu hati tar-reat li bih ikun akkuzat il-Qorti bhala qorti ta' gudikatura kriminali ghandha tghaddi 'l quddiem biex taghti lill-akkuzat dik is-sentenza li ghandha tinghata skond il-ligi kontra akkuzat li jinsab hati tar-reat u tordna li l-atti, flimkien ma' kopja tas-sentenza, jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem tax-xoghol."** (sottolinear ta' din il-Qorti)

**8.** Jigifieri huwa l-istess artikolu 392A li jippreciza f'liema stadju tal-proceduri huwa applikabbli dan l-artikolu. L-artikolu 392A gie introdott permezz ta' l-Att III tas-sena 2002. Jipprovdi ghal procedura specjali li tista' tintuza biss meta jsir l-ezami lill-akkuzat bla gurament skond l-artikoli 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-akkuzat iwiegeb li huwa hati u jippersisti f'dik it-twegiba anke wara li **"l-Qorti twissih b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u taghtih ftit taz-zmien biex jarga' lura minnha"** (art. 453(1) tal-Kap. 9).

**9.** Fil-kaz in ezami, nonostante illi meta l-appellat tressaq inizjalment fl-24 ta' Gunju 2011 iddikjara ruhu mhux hati, fis-6 ta' Lulju 2011, in vista taz-zieda fl-imputazzjonijiet, il-proceduri bdew mill-gdid u galadarba dakinhar sar l-ezami bla gurament mill-gdid ta' l-appellat, huwa seta' jipprevalixxi ruhu minn dak li jiddisponi l-artikolu 392A imsemmi. Konsegwentement l-ewwel aggravju ta' l-Avukat Generali qieghed jigi michud.

**10.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-ewwel aggravju ta' l-Avukat Generali u tordna l-prosegwiment tal-kaz fil-mertu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------